Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 51**
**Tlieta 28 ta'Marzu**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:40 pm.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi : Kunsillier
Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Romina Galea : Viċi Sindku
Maurice Agius : Kunsillier
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Renald Camilleri : Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**51.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija;**

51.1.01 Il-kunsillier kollha kienu preżenti.

**51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

51.2.01 Il-Minuti tas-Seduti L8-50 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**51.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

51.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għall-pakkett ta’ skemi mħabbar nhar il-Ġimgħa, 10 ta’ Marzu 2023 mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor. Alison Zerafa Civelli fejn poġġiet fuq il-mejda l-ewwel u tieni parti minn numru ta' skemi maħruġa mid-Direttorat għal Strateġija u Implimentazzjoni tal-Policy fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn qed jiġu indikati wkoll id-dati tal-għeluq tas-sottomissjoni ta’ l-applikazzjonijiet ta’ kull skema li jinkludu - SPI/SCI/01/2023 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024 (Data ta’ l-għeluq - l-Erbgħa, 26 ta’ April 2023) , SPI/SCI/02/2023 - Espressjoni ta’ Interess għal servizz ta’ manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex (Data ta’ l-għeluq - il-Ġimgħa, 28 ta’ April 2023) , SPI/SCI/03/2023 - Espressjoni ta’ Interess: The World Cleanup Campaign 2023 (Data ta’ l-għeluq - il-Ħamis, 15 ta’ Ġunju 2023) , SPI/SCI/04/2023 - Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati (Data ta’ l-għeluq – Il-Ġimgħa, 28 ta’ Lulju 2023) , SPI/SCI/05/2023 - Fond ta Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (Data ta’ l-għeluq - il-Ġimgħa, 25 ta’ Awwissu 2023).Għalhekk il-kunsill rrid jiddiskuti dwar proposti relattati ma dawn l-iskemi sabiex jippreżenta l-applikazzjoni sad- dati msemmija.

51.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja ta' Ċirkulari nru. 6/2023 – Kjarifika rigward permessi mogħtija mill-Kunsilli Lokali taħt ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsilli Lokali (Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04) fejn hemm spjegat dwar liema huma c-ċirkustanzi fejn tapplika eżenzjoni mill-ħlas ta' permessi għal entita jew Aġenzija governattiva sabiex tagħmel xogħol għal kunsill fil-lokalità jew mill- ħlas ta' €30 għal talba ta'permess f'inqas minn 48 siegħa f'rigward ta' highup u tower ladder.

**51.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

51.4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għal minuti 50.4.01, dwar embellisment ta' Pjazza Victor Denaro fejn il-kunsill ġie mgħarraf li dak kollu mitlub milll-applikazzjoni kien sottomess.

51.4.02 B' referenza għal-minuti 50.4.03, is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar it-tisbiħ go *roundabout* ta’ Ċirku tal-Imsida.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb ikkonsulta mal-perit li qed tipprepara l-applikazzjonijiet neċessarji sabiex il-PA joħroġu l-permessi relatati għal- intervent ta' żvilupp propost.

51.4.03 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar xogħlijiet li qed issir fit-toroq u staqsa jekk hix magħrufa ir-raġuni għala dak ta' go Triq Clarence qed idum.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jrid jikkonsulta għax ma' għandux informazzjoni.

51.4.04 B'referenza għal minuti 50.4.05, Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwar il-ħsara li saret fuq il-bankina biswit iċ-ċentru parrokkjali.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għandu jiltaqa' ma'rappreżentant tal-iżviluppatur nhar il-Ħamis 30 ta'Marzu filwaqt li kif kien qed ssir xogħol ta'manutenzjoni fuq il-bankina ta'faċċata saret ukoll it-tiswija fuq l-kaptelli ta'drenaġġ sabiex ma jkunx hemm aktar periklu mbagħad kif ikun magħruf sew min huwa s-sid, se jara kif almenu jiġbor l-spejjez li mhux kbar.

51.4.05 B' Referenza għal minuti 50.4.08 dwar l-kuntratt Reġjonali, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja ta'Ċirkulari nru. 5/2023 – Linji gwida dwar il-Proċessi ta' Ħlas u Rimbors għas-Servizz ta' Ġbir tal-Iskart.
Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega fil-qosor dwar il-proċess fejn għarraf lill kunsilliera preżenti li ġa nħarġu l-ewwel fatturi ta'Jannar u Frar għal-ħlas tal-ġbir ta'skart domestiku inkluż it-tipping fees li għollew minn €20 għal €40 kull tunnellata ta'skart imħallat. Hawn kompla b'spjegazzjoni ta'ċifri reġistrati sal-ġurnata li ġew analizzati f'dettal meta mqabbel mhux biss ma' l- istess xhur tas-sena 2022 iżda ukoll maċ-ċifri tal-aħħar kwart tas-sena preċedenti fejn l-iskala ta'tunellaġġ reġistrat kompla juri żieda sostanzjali meta mqabbel mal-ewwel kwart tal-istess sena.

Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar it-tul ta'ħin li qed tieħu l-ġabra tal-iskart u spjega li kif qed joqrob iż-żmien ta 'sħana l-kunsill għandu bżonn ikellem lill kuntrattur li ma'jistax ikun aċċettat dan it-tul ta'ħin.

51.4.06 B'referenza għal minuti 50.4.10, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li waslu bosta tabelli b' ismijiet ġodda għal-toroq li għandhom jiġu installati fil-ġranet li ġejjin.

51.4.07 B'referenza għal minuti 50.4.14, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar is-servizz tal-knis tat-toroq mill- kuntrattur il- ġdid li sal-ġurnata ħadet numru ta' kummenti pożittivi u jidher li beda b'ritmu tajjeb ħafna li tidher fit-toroq għalhekk tawgura li dan iżomm konsistenti.

51.4.08 B'referenza għal minuti 50.5.0, Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar trinek ta'dawl ħdejn dik għal proġett ta' bdil ta' sistema ta'drenaġġ filwaqt li is-Sur Maurice Agius staqsa dwar jekk kienx hemm xi żviluppi dwar is-sistema għal- ilma tax-xita go x-Xatt Ta' Xbiex.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li minn ħdejn is-sistema ta'drenaġġ hemm ukoll għaddejja s-sistema ta'dawl li mhux se tinbidel filwaqt li l-kunsill għadu qed jistenna biex ikun jaf dwar is-sistema għal-ilma tax-xita.

51.4.09 B'referenza għal minuti 50.5.02, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret il-komunikazzjoni uffiċjali mad-dipartiment dwar in-nomina u l-konferma biex l-istess persuna tkun tista' tassumi ir-rwol u taġixxi meta jkun hemm bżonn bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv ghall- Kunsill Lokali L-Imsida.

51.4.10 B' referenza għal minuti 50.5.04, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-kunsill għamel talba għal fondi mill- proġetti b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Lvant dwar l-attivitajiet msemmija li ġew kollha approvati. Minn dawn l-attivitajiet saret il-purċissjoni ta' tfal tal-iskola bl-istatwa ta'San Guzepp, nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu. Ġiet armata l-esibizzjoni tal-vari ġol- bini amministrattiv li se tkun miftuħa għal pubbliku fis-27 ta' Marzu, waslu 3 vari ġodda Tradiment, Veronika u l-Irxoxt li se jiġu armati mal-kumplament għal purċissjoni tat- tfal li se ssir it-Tlieta 28 ta' Marzu, bejn it-18 u 19 ta' Marzu sar it- tournament tal-Cricket , is-Sibt 25 ta' Marzu saret l-attività li titratta Il-Kunċett tas-Sawm fir-Reliġjonijiet go Misraħ San Guzepp u bdiet il-konferenza SIREN, li se ssir bejn is-27 u t-28 ta' Marzu.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-attivitajiet li saru fejn jidher li l-purċissjonijiet tat- tfal tal-iskola intlaqat tajjeb u semgħet kummenti ħafna pożittivi għalhekk jawgura tajjeb biex inkomplu naħdmu għas-sena d-dieħla. Filwaqt li tawgura li ikun hemm aktar nies li jiġu jaraw l-esebizzjoni u li t-temp jippermetti li ssir il-mixghela tkellmet ukoll dwar l-attività li titratta Il-Kunċett tas-Sawm fir-Reliġjonijiet go Misraħ San Guzepp u tournament tal-Cricket li għalihom kien hemm parteċipazzjoni tajba. Filwaqt li d-delegati internazzjonali għal konferenza SIREN apprezzaw iż-żjara fl-uffiċcji tal-kunsill u l-okkażjoni biex jaraw parti mill purċissjoni tal-ġimgħa l-kbira tat- tfal qabel ma' komplew bil-programm tal-konferenza.

**51.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

51.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li is-Sinjura Judy Sciberras din id-darba mhux bħala membru tal-kunsill reġgħet kitbet lis-Segretarju Eżekuttiv bħala rappreżentant tal-kunsill rigward iż-żewġ inċidenti li qed issostni li ġarrbet u li wassal biex qed tbati piż fiżiku u finanzjarju sal-lum tant li għall-kuntrarju tax-xewqat tagħha għamilha impossibbli għalija li tkompli sservi bħala kunsillier, minħabba raġunijiet ta' saħħa. Qed tisħaq li sa issa ħallset aktar minn €3,000 biex tipprova isewwi l-karozza li xorta baqgħet tagħti problemi kontinwi u għalhekk xtrat oħra barra l-ispejjez oħrajn għal- attenzjoni medika peress li dawn l-inċidenti ħallewha b'% ogħla tad-diżabilità. Saru wkoll rimarki dwar talba li għamlet lill bank biex idawwar il-€50 euro li l-kunsill kien għadda fil-kont tagħha li jkopri nofs l-ispejjez li preżentat sa dak iż-żmien, mingħajr ma bassret li kien hemm aktar ħsara għalhekk kienet kitbet biex tirrimarka li l-ħlas li ħadet kien inaċċettabbli. Tgħid ukoll li għanda dispjaċir bil- malafama li batiet bi kliem li kienet qed tabbuża u dan ġie rrekordjat. Għalhekk qed tistaqsi lill-kunsill jekk iridux isolvu l-ispejjeż li ġarrbet barra mill-qorti, peress li r-rifjut ta' dan ma' jagħtix l-ebda alternattiva oħra ħlief li tfittex ġustizzja permezz ta' azzjoni legali u li jħalli lill-imħallef jiddeċiedi.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li r-rappreżentat legali jieħu ħsieb jibgħat risposta uffiċjali sabiex immexxi skond dak li hu meħtieġ.

51.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li ġiet preżentata talba għad- danni ta' €833.7 kawżati fuq vettura li kienet ipparkjata go Triq Oscar Zammit minħabba li waqgħet tabella tas-CCTV fuqha waqt li kien hemm maltempata qawwija għaddejja fl-10 ta’Frar 2023.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li fil-maltempata msemmija kien hemm bosta ħsara mal-pajjiż kollu fejn anke waqa’ partijiet minn bini fuq karozzi għalhekk meta tieħu kunsiderazzjoni tas-saħħa tal-maltempata dan mhux xi każ ta' negliġenza.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li r-rappreżentant legali l-ewwel jara x'tgħid il-liġi f'każi bħal dawn sabiex jieħu ħsieb jaġixxi skond dak li hu meħtieġa.

51.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li wara li konsultat mas-Sur Maurice Agius se tkun qed tgħaddilu r-responsabiltà għas-Servizzi tal-Indafa,

Is-Sur Maurice Agius aċċetta r-responsabiltà assenjata.

51.5.04 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar il-problema ta' sriedaq fit- toroq li qed tikber gos- Swatar u spjega li ġie infurmat li hemm bżonn ta’ xi ħadd mill-kunsill immur ikellem lil veterinarju tal-biċċerija.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u ssuġġerixxa li jmur flimkien mas-sur Brincat sal-Biċċerija.

51.5.05 B'referenza għal-minuti 50.4.15 dwar il-proġett tal-Imsida Creek, is-Sur Emanuel Brincat għarraf lill kunsilliera preżenti li f'rapport tal-Case Officer jidher li ma'kienx hemm oġġezzjoni.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar jekk hemm xi servizzi għaddejja mill-pjazza.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hemm bosta servizzi għaddejja bħal cables għad-dawl jew sistema ta' drenaġġ għal pumping station u oħrajn.

51.5.06 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar il-garanzija li ssir mal-awtorità għal Ippjanar meta jkun hemm approvat żvilupp u spjega li fil-mument ma-tmiem tax-xogħolijiet kull talba biex il-garanzija tinħeles l-ewwel trid tgħaddi għand il-kunsill biex japprova jew joġġezzjona. Issa peress li qed ssir riforma fil-BCA li tinkludi ukoll garanziji se jivverifika dwar dawn u kif irrid jipproċedi l-kunsill.

51.5.07 Is-Sur Emanuel Brincat għarraf lill kunsilliera preżenti li wara talba mill-kunsill Infrastructure Malta installat il-bollards go Triq il-Wied sabiex ikun evitat perikluu ma' jippermettix lis- sewwieqa tal-vetturi ġejjin minn B'Kara jagħmlu *U turn* lejn Triq Omm Sidna.

51.5.08 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar xi bollards li hemm mgħawwġa jew nieqsa fi Triq Mons D'Andrija k/m Rue D'Argens u staqsa jekk jistgħux jinbidlu

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li dawn huma l- istess bħal bollards li kien hemm qabel ma' beda l-proġett tal-promenade quddiem l-iskall u ppropona li l-għaqda tad-dgħajjes tintalab biex troddom lura sabiex jintużaw hemm la issa saru oħrajn ġodda mad- dawra kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota

51.5.09 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar it-tabelli bl- iskeda tal-iskart li kienu nqalaw u staqsa jekk hux se jsiru oħrajn flokhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn inqalgħu għal dak l-iskop u li fil-mument huma għand il-fornitur biex tinbidel dik il-parti tal-iskeda.

51.5.10 Is-Sur Nicholas Chircop tkellem dwar studenti mill-Università (3) li bħala parti mill-assenjazzjoni akkademika tagħhom se jkunu allokati biex joholqu avveniment sportiv relatat mal-European Region of Sports. Tkellem ukoll dwar xi diskussjonijiet li qed isiru ma għaqdiet sportivi biex jtellgħu attivitajiet oħra u l-avveniment li jmiss *Mind the Gap Skateboarding* li se jsir nhar it-22 ta' April go Misraħ San Guzepp u *Active in the Square* nhar it-28 ta'April.

51.5.11 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar il-floodlights go Misraħ 5 ta'Ottubru fejn tal-boċċi u għas-servizz ta'dawl ta'toroq għal-fanali ta' fuq iz-zuntier tal-knisja biex is-servizz għalihom ma'jibqax jingħadda mill- cable imdendel mal-kampnar.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li z-zuntier huwa propjetà tal-knisja, u biex jingħadda s-servizz mill-art għal fanali irrid jinqalaw iz-zuntier li tiġi spiża li ma' jistax jagħmilha il-kunsill. Jekk il-knisja trid dan tista' tagħmlu imbagħad il-kunsill jara kif jista' jagħmel biex dan ikun imqabbad mad-dawl tat- triq. Madanakollu nistghu nergghu nkellmu lil kuntrattur biex jiddieregina.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa mar fejn il- Klabb tal-boċċi u kien hemm floodlights iżda sa fejn seta' jifhem dawn mhux qed jintużaw għax qed jieħdu is-servizz mil-meter ta' dawl tal-bar filwaqt li l-fanali taz-zuntier mhux fil-pjanta tad-dawl tal-Enemalta għalhekk l-ewwel tkun trid ssir applikazzjoni bħala dawl ġdid qabel dan jitqabbad mad-dawl tat- triq.

51.5.12 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar il-fanali li hemm got- toroq taz-zona tal-knisja u l-proposta tal-aħħar laqgħa pubblika biex jinbidlu ma'oħrajn ornamentali u staqsa meta dan se jsir.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-fanali li kien deċiż li se jinbidlu huma erba' tnejn go Triq il-Parroċċa u tnejn oħra go Triq Monsinjur Falzon.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa kellem lill kuntrattur biex iġib stima għal fanali bħal dawk li intużaw go Triq il-Kunċizzjoni biss fdal jara dwar il-possibilità għal dak li pproponiet is-Sindku biex dawk li huma fuq in-naħa ta' barra ikunu faċċata ta'xulxin minħabba li fil-mument dak ta' go Triq il-Parroċċa jrid jersaq l-isfel hu għalhekk hemm bżonn il-permess ta' sid il-propjetà biex jeħel mal-ħajt tiegħu.

51.5.13 Is-Sur Renald Camilleri tkellem dwar il-bankini ta' Triq il-Prinċipessa Margaret u x-xogħol ta'manutenzjoni li sar fuqhom biex inġabru iżda hemm parti bil-pave li fejn hemm il-planters li mhix fi stat tajjeb u staqsa jekk din tistax ssir.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li riċenti mar fuq il-post u staqsa jekk hux qed jirreferi għal parti li hemm fejn saret il-kostruzzjoni li f'dak il-każ għad hemm il-garanzija tal-PA u trid ssir mill-iżviluppatur jew dik il-parti l-ġewwa mill- planters k/m Triq Mons Dandrija li s-Sur Camilleri wieġeb li qed jirreferi għalija.

Is-Sur Emanuel Brincat ħa nota u wieġeb li se jmur fuq il-post u jara x'hemm eżatt u nmexxu minn hemm filwaqt li Sur Alfred Farruguia ssuġġerixxa biex il-planters jiġu rranġati f'pożizzjoni aħjar għax mhux sbieħ hekk miġbura go xulxin.

51.5.14 Is-Sur Renald Camilleri tkellem dwar l-estensjoni li saret minn Triq l-Gheriebel għal Triq Dun Andre u spjega li fil- mument qed tintuża bħala sistema *two way* fejn spjega li hemm bżonn ssir xi haġa għax fejn tikser ma tarax xi jkun ġej u kemm il-darba tkun se ssir kolliżjoni.

Is-Sur Emanuel Brincat ssuġġerixxa biex ssir applikazzjoni ma'Transport Malta biex Triq Dun Andre tkun *One way* direzzjoni lejn Triq il-Wied.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

51.5.15 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar Sqaq Johnny Catania u spjega li l-bollard li kien hemm ma'għaddiex go posta għalhekk kemm il darba jkun hemm sewwieqa li jispiċċaw niżlin minna bi żball imbagħad battikata biex joħorġu b'lura għalhekk hemm bżonn li l-bollard terga teħel u anke ssir tabella No Entry ħalli tindika li ma' tistax tgħaddi.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb u għamel referenza għal minuti 51.4.04 fejn spjega li apparti il-bankina ta'ħdejn iċ-ċentru parrokkjali hemm lista ta'affarijiet oħra inkluż il-paviment tal-isqaq u il-bollard li huma ukoll parti mil-laqgħa li għandu ma'rappreżentant tal-iżviluppatur. Għalhekk se jara wkoll dwar it-tabella.

51.5.16 Is-Sur Maurice Agius tkellem u staqsa dwar il-permess għal skaffolding armat taħt gallarija go Triq J. Borg li ilu numru ta'ġimghat hemm u li anke kien ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv dwaru għax qed jostakola il-bankina.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jekk dan huwa l-każ forsi nesa għax assolutament mhux qed jiftakar xejn, biss se jmur fuq il-post u jara waħda x'hemm.

51.5.17 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar l-għajnuna għal għaqdiet matul is-sena 2022 u talab rendikont ta' kemm ħadu kull għaqda matul din is-sena msemmija.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni dwar il-kelma għajnuna għax din tista’ tiġi interpretata bħala donazzjoni li mhux permessa mill-att dwar il-Gvern Lokali. Hawn spjega li kull kollaborazzjoni mal-għaqdiet lokali hija dokumentata fid-dettalji ġol-minuti tas-seduta fejn tkun ittieħdet deċiżjoni li huma wkoll aċċessibbli għal pubbliku fuq is-sit tad- Dipartiment għal Gvern Lokali. Spjega ukoll li din l-informazzjoni mitluba li tinkludi wkoll skemi relatati se tkun inkluża fid-dettal go rapport amministrattiv għas-sena 2022 li se jkun ppublikat u preżentat waqt il-laqgħa pubblika li trid ssir f'April 2023.

51.5.18 Is-Sur Maurice Agius tkellem u staqsa dwar meta l-iżviluppatur se jibdel ir-railing ħdejn il-Museum.

Is-Segretarju Eżekuttiv reġa’ għamel referenza għal minuti 51.4.04 fejn spjega li dawn huma parti mill-lista msemmija apparti li sal-ġurnata għada ma' waslitx talba waħda għand il-kunsill għal l'ebda sit li hemm dawn l-issues sabiex tinħeles il-garanzija li jkun hemm mal- Awtorità għal ippjanar.

51.5.19 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar ir-rapport dwar il-ħidma tal-kunsill għas-sena 2022 li semma ftit qabel li jrid ikun preżentat waqt il-laqgħa Annwali Pubblika li suppost trid ssir sal-15 ta'April 2023 għalhekk staqsa meta din għandHa tissejjah.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-volum ta'xogħol li hemm bil-preparamenti għal Ġemellaġġ mal-villagg ta'Buscemi go Sqallija għalhekk mhux possibbli li din ssir sa dik il-ġurnata għalhekk qed tipproponi li din ssir qabel is-Seduta tal-Kunsill li jmiss li se tkun it-Tlieta 25 ta'April.
Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament

**51.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

Ma kienx hemm rapporti

**51.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

51.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-51 ta' ħlasijiet bejn l -1 ta'Marzu u 28 ta'Marzu 2023.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew l-iskeda li ġiet proposta mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-Sur Alfred Farrugia.
Il-Kunsilliera preżenti approvaw l-iskeda unanimament.

**51.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

51.8.01 Il-laqgħa ntemmet fiis7:15 ta' filgħaxija, u seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 25 ta' April wara li tkun tagħlaq il-laqgħa pubblika li se tibda fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 25 ta' April 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |